

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [L-ispazju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika](#) > Ireland

L-ispazju tiegħi tal-Ġustizzja elettronika

Irlanda



Irlanda

Diversi servizzi pubbliċi fil-qasam tal-ġustizzja huma disponibbli online fl-Irlanda. Is-sit web [Citizens Information](#) jipprovdi informazzjoni estensiva dwar servizzi online, bit-telefown, b'email u fuq il-post disponibbli għal negozji u ċittadini fl-Irlanda.

Dan jinkludi servizzi biex titlob online ċertifikati tat-twelid, taż-żwieġ, tal-unjoni ċivili, tal-mewt, tal-adozzjoni u ta' trabi mwielda mejta. Dawn id-dokumenti jistgħu jinkisbu permezz ta' talbiet online fuq is-sit web [Health Service Executive \(HSE\)](#) (ma hija meħtieġa l-ebda awtentikazzjoni). Il-[General Register Office](#) huwa responsabbli għall-amministrazzjoni ġenerali tas-servizz ta' reġistrazzjoni ċivili fl-Irlanda, filwaqt li l-HSE huwa responsabbli għat-twassil ta' kuljum tas-servizz permezz tal-uffiċċji tas-Civil Registration Service. Huwa possibbli wkoll li jintalbu passaport Irlandiż u kard tal-passaport Irlandiż permezz tas-servizz tad-Department of Foreign Affairs.

Iddedikat għal dak l-iskop ([Passport Online](#)). Dokumenti pubbliċi oħrajn, bħal ċertifikati tal-pulizija pereżempju, ma jistgħux jintalbu online.

Huwa possibbli wkoll li tippreżenta applikazzjoni għal għajnuna legali online ([Legal Aid Board](#)) u li tiftaħ kawża ċivili online ([District Court Offices](#)) fl-Irlanda. Firxa ta' servizzi relatati mal-provvista ta' informazzjoni dwar kumpaniji u mal-formazzjoni tal-kumpaniji huma disponibbli wkoll permezz tas-sit web tal-[Companies Registration Office \(CRO\)](#) iddedikat għal dawn l-iskopijiet ([CORE](#)).

Possibbiltà li tippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna legali

Għan u ambitu: Applika għal għajnuna u pariri legali ċivili online.

Awtorità kompetenti: Legal Aid Board

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Residenti tal-Irlanda.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Xejn.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:
 - Irċevuta tal-paga/P60, irċevuta ta' benefiċċju soċjali, jew Avviż ta' Stima minn Revenue/Kontijiet Awditjati
 - Id-dettalji ta' kwalunkwe introjtu ieħor li tirċievi (eż. pagamenti tal-manteniment)
 - Id-dettalji tal-pagamenti tiegħek tat-taxxa fuq l-introjtu, tal-PRSI, u tal-USC (dawn ikunu fuq l-irċevuta tal-paga tiegħek jew fl-Avviż ta' Stima).
 - Id-dettalji tal-pagamenti tiegħek ta' kull xahar għas-self ipotekarju/għall-kera
 - Il-valuri approssimattivi tal-assi kapitali kollha tiegħek minbarra d-dar li tgħix fiha
 - Il-valur ta' kwalunkwe flus imfaddlin li għandek
 - L-ammonti pendenti fuq kwalunkwe self/djun li għandek
 - Effetti legali ta' dokument elettroniku:

Possibbiltà li titlesta l-proċedura kompletament online: Mhux applikabbli

Prezz: Is-servizz huwa bla ħlas

Link:<https://onlineapp1.board.ie/>

Aktar informazzjoni dwar kif tippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna legali online fl-Irlanda hija disponibbli fuq is-sit web tal-[Legal Aid Board](#) u fuq l-iskeda [informattiva tan-NĠE](#).

Kumpens

Mhuwix possibbli li tapplika għal skemi ta' kumpens online fl-Irlanda. Aktar informazzjoni dwar servizzi relatati mal-kumpens hija disponibbli fuq is-sit web [Citizens Information](#) u fuq is-sit web tal-[Gvern Irlandiż](#).

Il-bidu ta' kawża ċivili online

Għan u ambitu: Il-proċedura għal Talbiet Żgħar hija servizz imfassal biex jittratta talbiet tal-konsumaturi jew tan-negozji mingħajr spejjeż kbar u mingħajr l-involvement ta' solicitor. It-tipi ta' talbiet ittrattati:

- talba għal prodotti jew għal servizzi mixtrijin għal użu privat minn xi ħadd li jbigħhom f'kuntest ta' negozju (talbiet tal-konsumatur)
- talba għal prodott jew għal servizzi mixtrijin għal użu kummerċjali minn xi ħadd li jbigħhom f'kuntest ta' negozju (talbiet tan-negozju)
- talba għal dannu minuri fuq proprjetà (minbarra korriment personali)
- talba għal nuqqas ta' ritorn ta' depożitu fuq kera għal ċerti tipi ta' proprjetajiet mikrijin. Pereżempju, villeġġjatura jew kamra/appartament f'binja fejn jgħix ukoll is-sid

It-talba ma tistax taqbeż l-€2,000.

Awtorità kompetenti: Uffiċċji tal-Qorti Distrettwali

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Disponibbli għal kulħadd.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-utenti jeħtieġ li jilloggjaw permezz tal-kont tagħhom fuq is-sistema Courts Service Online (CSOL).
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Jiddependi mit-talba.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli

Possibbiltà li titlesta l-proċedura kompletament online: Iva

Prezz: It-tariffa kurrenti biex tagħmel talba hija €25.

Link:<https://www.csol.ie/ccms/welcome.html>

Aktar informazzjoni dwar kif tibda proċedura għal Talbiet Żgħar online hija disponibbli fuq is-sit web tas-[Servizz tal-Qorti tal-Irlanda](#) u fuq l-iskeda [informattiva tal-NĠE](#).

Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

Skont l-[iskeda informattiva tal-NĠE](#), in-notifika elettronika ta' dokumenti mhijiex permessa fl-Irlanda.

Madankollu, fil-25 Settembru 2018, l- [Istrument Statutorju \(S.I. Statutory Instrument\) Nru. 378](#) ġie ffirmat bħala liġi u dan daħal fis-seħħ fl-17 ta' Ottubru 2018. Dan l-S.I. jemenda r-regoli tas-Circuit Court biex jippermettu n-notifika elettronika ta' dokumenti tal-qorti, meta jkun hemm kunsens mill-partijiet fil-kawża. Dan iġib lis-Circuit Court fuq l-istess livell bħall-Qrati Superjuri, fejn in-notifika elettronika ilha attiva minn Novembru 2017 skont l-S.I. 475 2017. Sabiex jagħmel użu min-notifika ta' dokumenti b'dan il-mod, is-solicitor tal-attur għandu japprova fuq it-taħrika (Civil Bill) l-indirizz tal-email fejn jistgħu jintbagħtu d-dokumenti.

In-notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji għalhekk hija permessa iżda permezz ta' emails (u mhux permezz ta' servizz pubbliku online).

Parteċipazzjoni f'subbasti

Ma hemmx servizzi pubbliċi relatati mas-subbasti online fl-Irlanda.

Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Ma hemmx servizzi pubbliċi online relatati mal-medjazzjoni fl-Irlanda. Aktar informazzjoni fl-Irlanda hija disponibbli fuq [il-portal tal-ġustizzja elettronika](#). Għal medjazzjoni tal-familja, hija disponibbli wkoll informazzjoni fuq is-sit web [Citizens information](#) u s-sit web [Legal Aid Board](#).

Formazzjoni tal-kumpaniji u aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Għan u ambitu: Is-CRO huwa r-repożitorju ċentrali ta' informazzjoni pubblika statutorja dwar l-ismijiet tal-kumpaniji u tan-negozji Irlandiżi. Is-CRO għandu għadd ta' funzjonijiet inklużi l-inkorporazzjoni tal-kumpaniji u r-reġistrazzjoni tal-ismijiet tan-negozji, ir-riċeviment u r-reġistrazzjoni ta' dokumenti ta' wara l-inkorporazzjoni, l-infurzar tal-Companies Act b'rabta mal-obbligi ta' sottomissjonijiet u li l-informazzjoni titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. L-utenti jistgħu jirreġistraw l-isem tan-negozju tagħhom, jiffirmaw kumpanija u jissottomettu d-dikjarazzjonijiet tal-kumpanija tagħhom online permezz tal-Companies Online Registration Environment (CORE).

Awtorità kompetenti: Companies Registration Office (CRO)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Individwi u ditti.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-utenti jeħtiġilhom jilloggjaw permezz tal-CORE.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Għal Kumpanija Privata Limitata b'Ishma (Kumpanija LTD) il-kostituzzjoni tikkonsisti f'kostituzzjoni ta' dokument wieħed. It-tipi ta' kumpanija l-oħrajn kollha għandhom kostituzzjoni li tinkludi Memorandum ta' assoċjazzjoni u Statut ta' assoċjazzjoni. Aktar informazzjoni dwar id-dokumenti meħtieġa hija disponibbli fuq is-sit web tas-CRO.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Mhux applikabbli

Possibbiltà li titlesta l-proċedura kompletament online: Iva.

Prezz: Jiddependi mis-servizz.

Link: <https://core.cro.ie/>

Aktar informazzjoni dwar is-servizzi ta' reġistrazzjoni pprovduti mis-CRO u kif tibda negozju fl-Irlanda hija disponibbli fuq is-sit web [Citizens Information](#) u fuq is-sit web tas-CRO.

Is-servizzi ta' traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha)

Skont ir-regolamenti tal-UE, minn Frar 2019 tista' tintalab Formola Standard Multilingwi (MSF, Multilingual Standard Form) għal ċertifikati tat-twelid, tal-mewt, taż-żwieġ u tal-unjoni ċivili maħruġa mill-General Register Office. L-iskop ta' MSF huwa li tipprovdi traduzzjoni tad-dokument pubbliku. L-MSF innifisha ma għandha l-ebda effett legali. Inti jeħtieġlek tindika liema lingwa tal-UE tirrikjedi jekk tagħżel din l-għażla u din trid tintalab meta tapplika għaċ-ċertifikat mill-General Register Office f'Roscommon. Mhuwiex possibbli li titlob MSF online.

 L-aħħar aġġornament: 15/09/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.